MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1356/2000/1

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Anthony Bezzina**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm53.67c (tlieta u hamsin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) rappresentanti bilanc dovut in konnessjoni man-numru tat-telefon 582931 (klijent numru 1007715) skond ma jirrizulta mid-dokument anness ma' l-Avviz u mmarkat Dok. A u liema servizz gie nstallat fil-fond Olympia Flats, Flat 3, Triq il-Mazzola, Bugibba skond ma jirrizulta mid-dokument anness ma' l-Avviz u mmarkat Dok. B.

Illi l-konvenut giet interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Marzu, 1999 bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali u bil-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------